# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 20/15/2 JVC**

**Ganni Attard**

**v.**

**Tabib Dr. Frank Galea**

1. B'rikors preżentat fid-29 ta' Diċembru, 2021, l-attur appellant talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"..... teżenta lill-istess esponenti Ganni Attard milli jiddepożita l-ammont ta' €48,499.29 mitlub fl-avviż dwar kawtela u minflok jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dan l-appell permezz ta' garanzija bil-ġurament u dan taħt kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun"*.

2. Rikors li ma ġiex konfermat bil-ġurament. Fih l-attur ippremetta li mhuwiex f'qagħda finanzjarja li jħallas il-garanzija għall-ispejjeż li ntalbet mir-Reġistratur.

3. B'digriet mogħti fil-5 ta' Jannar, 2022, il-Qorti ordnat notifika tar-rikors lill-konvenut u lill-attur sabiex *"jippreżenta nota ġuramentata dwar l-attiv u l-passiv tiegħu"*. Nota li mill-atti ma jirriżultax li l-attur ippreżenta.

4. B'risposta preżentata fil-21 ta' Jannar, 2022, il-konvenut oġġezzjona għat-talba u ta dettalji dwar noti ta' nsinwi preżentati fir-Reġistru Pubbliku u li minnhom isostni li jirriżulta li l-attur hu sid ta' diversi proprjetajiet. Żied li l-attur lanqas m'għandu *probabilis causa litigandi* għaliex kien qiegħed iżomm merħla mogħoż mingħajr ebda permessi.

5. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2022, fil-preżenza tal-attur appellant, l-appell kien differit għas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2022, sabiex jitressqu l-provi kollha u ssir trattazzjoni dwar ir-rikors li bih l-attur talab il-ħelsien mill-għoti tal-garanzija.

6. Għas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2022, l-attur ma kienx preżenti u kulma qal l-avukat tiegħu kien li l-attur ma setax jattendi. Iddikjara wkoll li l-attur ma kellux provi x'iressaq. Kien f'dik is-seduta stess li l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi magħluq fir-rigward.

7. Skont l-Art. 904 tal-Kap. 12 jista' jingħata lill-appellant il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, meta huwa juri *prima facie* li għandu *probabilis causa litigandi*, u jikkonferma bil-ġurament li *".... ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skont il-liġi"*.

8. Billi l-appellant ma xehedx sabiex jispjega l-qagħda finanzjarja tiegħu u jgħid x'għamel biex iġib il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell u lanqas ressaq provi, ma ssodisfax dak li jrid l-Art. 904. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq sempliċi dikjarazzjoni tal-attur, li lanqas mhi konfermata bil-ġurament, li m'għandux likwidita` sabiex iħallas id-depożitu.

9. Il-Qorti tqis ukoll li *prima facie* ma jirriżultax li l-appellant għandu *probabilis causa litigandi* dwar l-aggravju fil-meritu. L-ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-provi li kellha quddiemha u spjegat b'mod ċar x'kienu n-nuqqasijiet tal-appellant. Fir-rikors li bih fetaħ il-kawża l-attur iddikjara li, *"5..... kien jaf il-proċedura kollha tal-istess trobbija tan-nagħaġ kif ukoll ir-rekwiżiti kollha li kellu jkun konformi magħhom skont il-Liġi"*. Għalhekk l-attur kien jaf li l-attivita` li kien qiegħed jagħmel kienet illegali u madankollu baqa' għaddej qisu xejn mhu xejn għal snin twal. Fil-fatt dan ġie wkoll konfermat minn Dr Anthony Gruppetta (konsulent veterinarju fl-Aġenżija responsabbli mir-Riżorsi Bio-Agrikoli), f'kawża kostituzzjonali **Ganni Attard v. L-Avukat Ġenerali et** (18/2016) meta

xehed fis-sedua tat-22 ta' Mejju, 2019. Dan apparti li lanqas tressqet prova li l-attur għamel xi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tan-nagħaġ. Irrispettivament jekk il-konvenut kienx jaf jew le bil-merħla tal-attur, id-dmir kien fuq l-attur li jiżgura li qabel jibda jrabbi l-merħla nagħaġ ikollu l-permessi kollha li kienu meħtieġa. Dan kellu jinkludi permess maħruġ mill-Awtorita` tal-Ippjanar li l-post fejn kien qiegħed irabbi l-merħla nagħaġ, kellu permess biex iwettaq dik l-attivita` nkluż li jipproduċi oġġetti tal-ikel għall-konsum min-nies. L-attur kien jaf x'inhi l-proċedura ġialadarba kien hemm żmien meta kien reġistrat mal-awtoritajiet sabiex irabbi l-annimali u mbagħad ma kompliex b'dik l-attivita`. Għalhekk meta reġa` beda jrabbi mingħajr ebda permess, in-nuqqas kien tiegħu. *Prima facie* jidher li n-nagħaġ ma nqatlux minħabba dak li jirreferi għalih l-attur bħala *"l-abbandun totali tat-Tabib Frank Galea"*, imma minħabba li l-attur liberament għażel li jrabbi nagħaġ fi stat ta' llegalita` qisu xejn mhu xejn u din l-attivita` baqgħet għaddejja għal snin twal. Għal dak li jirrigwarda l-argumenti li n-nagħaġ ma kellhomx jinqatlu għaliex ma kinux morda, dan kien il-meritu tal-kawża **Ganni Attard v. Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations** deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 2016, u llum hi ġudikat.

10. Fir-rikors tal-appell ma ngħad xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti għamlet żball ta' fatt jew ta' liġi li mad-daqqa ta' għajn jista' jwassal biex jintlaqa' l-appell tal-attur.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-attur sabiex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament u tiddikjara l-appell deżert.

Spejjeż kollha a karigu tal-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da